



Il-kwalità tal-ħajja fl-Ewropa: Benesseri soġġettiv

Sommarju eżekuttiv

Introduzzjoni

Kif tista' d-dejta dwar il-benesseri soġġettiv – kif in-nies jipperċepixxu l-kwalità ta' ħajjithom – tintuża fil-politika? U dejta bħal din hija rilevanti fil-kuntest tal-isfidi ekonomiċi li qiegħda tiffaċċja l-Ewropa attwalment? Dan ir-rapport joħroġ sejbiet ġodda rilevanti għall-politika mit-tielet ċiklu tal-Istħarriġ Ewropew tal-Eurofound dwar il-Kwalità tal-Ħajja (EQLS), imwettaq fl-2011-2012. Juri kif id-dejta dwar il-benesseri tista' tgħin lil dawk li jfasslu l-politika jidentifikaw il-gruppi u l-pajjiżi li qiegħdin jersqu l-piż tal-kriżi ekonomika, kif ukoll dawk li sejrjn aħjar milli mistenni, u jipprovdi serje ġdida ta' evidenza li sservi ta' għajnuna fid-deċizzjonijiet ta' politika.

Ir-rapport iqabbel pajjiżi u gruppi madwar dawk li qabel kienu s-27 Stat Membru tal-UE, jidentifika l-fatturi determinanti tal-benesseri u l-fatturi li jistgħu jiproteġu l-individwi minn livell baxx ta' benesseri. Jagħti wkoll daqqa t'għajn lejn kif il-benesseri soġġettiv inbidel bejn l-2007 u l-2011 fl-UE kollha kemm hi u fl-Istati Membri individwali. Ir-rapport imur lil hinn mill-użu tas-sodisfazzjon irrappurtat fil-ħajja biex jikkunsidra firxa sħiħa ta' kunċetti ta' benesseri soġġettivi, inkluż l-benesseri edonistiku (sentimenti għal żmien qasir), benesseri eudaimonic (kemm in-nies sejrjn tajjeb f'ħajjithom) u s-sodisfazzjon b'aspetti differenti fil-ħajja.

Kuntest ta' politika

Dawk li jfasslu l-politika jridu jieħdu stampa tal-impatt reali tal-kriżi fuq il-ħajja tan-nies. Hemm sensazzjoni li l-kriżi kabbret l-inugwaljanzi u kellha impatt akbar fuq il-gruppi li diġà huma vulnerabbli fis-soċjetà – dan huwa kkonfermat fid-dejta dwar il-benesseri?

Kien hemm ħafna li argumentaw li l-indikaturi l-ġodda huma parti mill-pakkett meħtieġ għall-għajnuna biex wieħed joħroġ mill-kriżi attwali u biex jiġi evitat li jkun hemm oħra. Il-Komunikazzjoni tal-2009 mill-Kummissjoni Ewropea 'PDG u lil hinn: Inkejlu l-progress f'dinja li qiegħda tinbidel' tappella għal approċċ aktar olistiku lejn il-kejl, inkluż il-kejl tal-benesseri, u fokus akbar fuq

id-distribuzzjoni tar-riżorsi u r-riżultati bejn il-gruppi soċjali u ekonomiċi, u bejn ir-reġjuni. Id-dejta tal-EQLS hija essenzjali biex tinforma dibattitu bħal dan.

Sejbiet ewlenin

Il-benesseri jilħaq l-ogħla livell fil-pajjiżi soċjal-demokratiċi tal-Ewropa tat-tramuntana (id-Danimarka, il-Finlandja, il-Pajjiżi I-Baxxi u l-Isvezja), u l-inqas fil-Bulgarija, il-Greċja, l-Ungerija, il-Latvja u r-Rumanija. Filwaqt li l-benesseri jikkorrelata mal-PDG per capita, diversi pajjiżi jilħqu benesseri ta' livell ogħla milli huwa mistenni fuq il-bażi tal-PDG waħdu.

Kważi l-pajjiżi kollha għandhom benesseri baxx f'tal-anqas f'kejl wieħed. Pereżempju, ir-Renju Unit, minkejja l-livell globalment għoli ta' benesseri, għandu l-livelli l-aktar baxxi ta' vitalità u appartenenza għall-vcināt. L-Estonja u l-Latvja għandhom il-livelli l-aktar baxxi ta' sodisfazzjon tas-saħħa.

Il-gruppi tal-popolazzjoni li jispikkaw bħala li għandhom livell ta' benesseri baxx jinkludu dawk li huma limitati minn xi marda jew diżabbiltà, persuni bla xogħol, dawk li huma separati jew divorzjati, u individwi ta' mezz'età (35–49 sena).

Ċipru, l-Ungerija u r-Rumanija għandhom l-ogħla livelli ta' inugwaljanza ġenerali fil-benesseri, bil-Ġermanja u r-Renju Unit jiġu eżatt wara. L-analiżi identifikat liema inugwaljanzi fil-benesseri kienu l-aktar evidenti fil-pajjiżi differenti. Pereżempju, id-diskrepanza fil-benesseri bejn dawk li għandhom introjtu għoli u dawk b'introjtu baxx kienet l-akbar fil-Bulgarija, filwaqt li l-akbar diskrepanzi bejn in-nisa u l-irġiel kienu f'Ċipru, il-Portugall u r-Rumanija.

Filwaqt li s-sodisfazzjon fil-ħajja żdied marġinalment bejn l-2007 u l-2002, il-kuntest tal-naqset filwaqt li l-esklużjoni soċjali pperċepita żdiedet, u dan jindika li l-benesseri tabilħaqq baqa' staġnat matul il-kriżi. Ta' importanza huwa li hemm xejriet reġjonali differenti, bil-medja Ewropea tiġi elevata minn żidiet fil-Istati Membri l-ġodda bħall-Bulgarija u r-Rumanija.

Fejn kien hemm żidiet fil-benesseri, b'mod partikolari fil-pajjiżi Baltiċi, l-Irlanda, in-nofsinar tal-Ewropa u r-Renju Unit, dawn ibbenefikaw minnhom dawk li jagħmlu parti mill-kwartili ta' persuni bl-ogħla introjtu. Bil-maqlub, l-akbar tnaqqis fil-benesseri ġie esperjenzat minn dawk fil-kwartili ta' persuni bl-introjtu l-aktar baxx.

Il-bassara l-aktar b'saħħithom ta' benesseri kienu l-privazzjoni materjali, is-saħħa, il-bilanċ bejn il-ħajja u x-xogħol u n-nuqqas ta' ħin, u s-sodisfazzjon bis-servizzi pubbliċi.

Il-bassara varjaw skont il-kejl li kien qiegħed jintuża. Pereżempju, it-tbassir l-aktar b'saħħtu ta' solitudni kien li wieħed ikun armel, filwaqt li t-tbassir ta' stress l-aktar b'saħħtu kien il-bilanċ bejn ix-xogħol u l-ħajja.

Il-bassara varjaw ukoll bejn il-gruppi ta' pajjiżi użati f'dan l-istudju. Is-saħħa kienet il-fattur l-aktar determinati ta' sodisfazzjon fil-ħajja fil-grupp soċjal-demokratiku. Is-sodisfazzjon tas-servizzi pubbliċi kien it-tieni fattur l-aktar importanti fin-nofsinar tal-Ewropa.

Analiżi ddettaljata żvelat xi riżultati sorprendenti.

- Aspetti soċjali ta' privazzjoni, bħal li wieħed ma jkunx jista' jistieden mistednin għandu, kienu l-aktar importanti fl-indiċi ta' privazzjoni maħluq permezz tal-EQLS.
- L-impatt detrimentali l-aktar importanti tal-akkomodazzjoni fuq is-sodisfazzjon fil-ħajja kien li wieħed ma jħossux sigur meta joqgħod ġewwa daru.
- Kuntratti ta' impjeg temporanji ta' anqas minn 12-il xahar kienu partikolarment detrimentali għas-sodisfazzjon fil-ħajja, filwaqt li dawk ta' 12-il xahar jew aktar ma kellhom l-ebda impatt negattiv sinifikanti.
- Il-kuntatt wiċċ imb'wiċċ mal-ħbieb kellu impatt b'saħħtu fuq il-benesseri, filwaqt li l-kuntatt indirett (bit-telefont jew l-email) kważi ma kellu l-ebda impatt pożittiv.
- Meta jiġu kkontrollati fatturi oħra, in-nies f'żoni rurali għandhom livell ogħla ta' benesseri minn dawk f'żoni urbani.

Indikaturi ta' politika

Id-dejta tenfasizza l-importanza li tingħata attenzjoni partikolari lil diversi gruppi - dawk limitati minn diżabbiltajiet jew saħħa ħażina, in-nies bla xogħol u dawk tal-mezz'età. Tibgħat ukoll sinjali ta' twissija lil diversi pajjiżi li għandhom livell ta' benesseri baxx jew li niżel sew – l-Estonja, il-Greċja u l-Isvetza kollha raw tnaqqis sinifikanti.

Wieħed jista' jitgħallem lezzjonijiet minn xi pajjiżi. Minbarra l-fokus tas-soltu fuq il-pajjiżi Skandinavi, il-Polonja għandha livell ta' sodisfazzjon fil-ħajja ogħla minn diversi mill-pajjiżi ġirien tagħha, filwaqt li Spanja (tal-anqas fl-2011), dehret li żammet livell pjuttost tajjeb, minkejja l-kriżi, f'termini ta' livell medju ta' benesseri u inugwaljanza baxxa fil-benesseri.

Mill-perspettiva li jżied il-benesseri, id-dejta tagħmilha ċara x'inhuma l-prijoritajiet ta' politika - it-tnaqqis tal-faqar u l-privazzjoni, l-indirizzar tal-qgħad, l-integrazzjoni tal-persuni b'diżabbiltà, l-indirizzar tal-bilanċ bejn il-ħajja u x-xogħol u ż-żamma tal-kwalità tas-servizzi pubbliċi.

Id-dejta tenfasizza wkoll l-importanza tal-protezzjoni tan-netwerks u r-relazzjonijiet soċjali. Dan jimplika, pereżempju, il-kunsiderazzjoni tal-konsegwenzi soċjali mhux maħsuba li huma assoċjati maż-żieda fil-mobbiltà ġeografika tax-xogħol, jew it-tnaqqis tal-koeżjoni soċjali u l-fiduċja assoċjata ma' inugwaljanza akbar.

Il-kundizzjonijiet tax-xogħol għandhom effett fuq il-benesseri – li l-impjegati jeqilbu minn kuntratti b'terminu qasir għal kuntratti permanenti jkollu impatt akbar fuq il-benesseri milli meta l-persuni mingħajr xogħol jeqilbu għal kuntratt b'terminu qasir. L-indirizzar tax-xogħol żejjed iżid il-benesseri.

Il-gvernijiet lokali fiż-żoni urbani jistgħu jħarsu lejn iż-żoni urbani biex jidentifikaw x'qiegħed iwassal biex dawn ikollhom vantaġġ fil-benesseri. L-aċċess għal spazju u komunità ekoloġika x'aktarx li jkollhom rwol. Sadanittant, il-politika rurali għandha tiżgura li għad hemm opportunitajiet ta' impjeg disponibbli biex jippermettu lin-nies jgħixu f'żoni rurali.

L-attività fiżika tikkontribwixxi għall-benesseri. L-interventi biex iżiduha jinkludu inklużjoni akbar fil-kurrikuli tal-iskola u t-twessigħ tal-opportunitajiet attivi ta' vvjaġġar.

Li wieħed ikollu d-dejn huwa assoċjat b'mod negattiv mal-benesseri għar-rispondenti kollha, iżda b'mod partikolari għal dawk b'introjtu baxx, u dan jenfasizza l-ħtieġa ta' miżuri proattivi.

Aktar informazzjoni

Ir-rapport, *It-Tielet Stħarriġ Ewropew dwar il-Kwalità tal-ħajja – Il-Kwalità tal-ħajja fl-Ewropa: Benesseri soġġettiv*, huwa disponibbli fuq <http://www.eurofound.europa.eu/publications/htmlfiles/ef1359.htm>

Għal aktar informazzjoni, ikkuntattja lil Daphne Ahrendt, Maniġer tar-Riċerka, fuq: dap@eurofound.europa.eu